## Il-Ħadd, 13 ta' Diċembru 2020

Ġwanni ma kienx id-dawl,
imma ġie biex jixhed għad-dawl.
Ix-xhieda ta' Ġwanni kienet din,
meta l-Lhud ta' Ġerusalemm
bagħtu għandu xi qassisin u Leviti
biex jistaqsuh: "Int min int?"
Hu stqarr bla ma ċaħad:
"Jien m'iniex il-Messija."
Huma reġgħu staqsewh:
"Mela min int? Elija?" "M'iniex",
qalilhom. "Int il-Profeta?"
"Le", weġibhom. Imbagħad qalulu:
"Mela min int? Biex nagħtu tweġiba
lil dawk li bagħtuna. Min tgħid li int?"
U hu wieġeb kif qal il-profeta Isaija:
"Jiena l-leħen ta' wieħed jgħajjat
fid-deżert: Wittu t-triq tal-Mulej."

***Mill-Evanġelju skont San Ġwann,
kapitlu 1, versi 8.19-23***

15

"Il-Vanġeli kollha jaqblu f'li juru
lil Ġwanni l-Battista bħala dak
li wettaq il-missjoni tiegħu
li juri lil Ġesù bħala l-Kristu,
il-mibgħut ta' Alla, imwiegħed
mill-profeti. Ġwanni kien *leader*
ta' żmienu. Il-fama tiegħu xterdet
saħansitra sal-Galilija. Iżda
hu qatt ma ċeda - lanqas għal ftit -
għat-tentazzjoni li jiġbed
l-attenzjoni għal fuqu: dejjem
ipponta lejn Dak li kellu jiġi. Kien
jgħid: 'Jiena anqas ma jistħoqqli
nħoll il-qafla tal-qorq tiegħu.'
Dejjem jirreferi għall-Mulej."

PAPA FRANĠISKU,
*Angelus*, 13 Diċembru 2020

*Subgħajja x'direzzjoni nagħtihom?*

*U għalxiex nagħtihielhom?*

# B'subgħajh ippuntati

Mulej,
Ġwanni l-Battista
b'subgħajh dejjem ippuntati kien ikun:
ippuntati lejk;
ippuntati lejk
bħala l-Messija l-Waħdieni tal-umanità;
ippuntati lejk
bħala Dak li ta' min titwitthielu t-triq.
Subgħajh qatt ma ppuntahom
lejh innifsu,
lejn il-popolarità li kien igawdi,
lejn il-kapaċitajiet li kellu,
lejn il-kelma qawwija tiegħu,
lejn ir-radikalità li biha kien jgħix ħajtu.
Kemm għandi bżonn, Mulej,
li, bħall-Battista, niċkien jien ħalli tikber Int.